# il-Ħuttafa

Numru **190**

Settembru - Ottubru 2025



**Seqer tal-Ħannieqa**

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf




Kevin Gambin

**Merill** fl-ambjent naturali tiegħu: blat u rdumijiet.





# Hej Ħbieb Ħuttafa...

**Għandi merill!**

Le, mhux ġo gaġġa, u ajma ma tarawx! Dan huwa merill li minn xi ġimgħat ilu tfaċċa fl-inħawi fejn ngħix u kuljum qed jintefa' fuq il-bjut tad-djar jgħanni.

U mhuwiex waħdu, għax dil-ġimgħa rajt ukoll merill mara fuq il-bejt tad-dar ta' faċċata, u lbieraħ stess rajt merill raġel jiġri wara merill ieħor, aktarx biex ikeċċih.

Jien ktibt li "għandi" merill sintendi mhux għax vera huwa tiegħi. Għedt hekk għax jien u nikteb dan l-editorjal qed nisimgħu jgħanni proprju fuq il-bejt tad-dar tiegħi.

Xi ġmiel! Il-merill magħruf għall-għanja sabiħa tiegħu. Fil-fatt dari kienu jinqabdu ħafna merilli (jew jinsterqulhom il-frieħ mill-bejta) biex imsieken jitrabbew maqfulin f'gaġġa ħalli joqogħdu jgħannu. Trid tkun vera egoist biex tagħmel hekk.

B'xorti tajba fl-1970 il-merill inħatar l-għasfur nazzjonali ta' Malta u bis-saħħa t'hekk ġie protett bil-liġi. Minn dak iż-żmien, id-drawwa kerha li jaqbduh bdiet tinqata' u llum kważi spiċċat għal kollox.

Il-merill issa jista' jimraħ fejn irid għax ftit ħa jfixkluh nies. U mid-dehra xi merilli qed jibdew jersqu lejn l-abitat tal-bniedem. Qed ikollna rapporti ta' merilli mir-Rabat, mill-Mosta, minn Ħal Għargħur, minn Ħ'Attard, Ħaż-Żebbuġ, mill-Belt u diversi bliet u rħula oħrajn.

Intom smajtu jew rajtu xi merill fl-inħawi fejn tgħixu intom? Jekk iva, **iktbu għidulna**. Forsi ħadtulu ritratt ukoll? Ibagħtuhuli ħa nġibuh fil-magażin.

U issa ħa nħallikom ħalli nitla' fuq il-bejt forsi nara lil sieħbi l-merill u noħodlu ritratt.




Aron Tanti

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Ian Balzan

**Seqer tal-Ħannieqa**
Eurasian Hobby *Falco subbuteo*
Is-seqer tal-ħannieqa huwa wieħed mill-iktar għasafar tal-priża komuni li naraw f'Malta. Ma jgħixx Malta imma narawh fi żmien il-passa, speċjalment fil-ħarifa meta jkunu qed itiru mill-Ewropa biex jgħaddu x-xitwa fl-Afrika. Spiss naraw xi wieħed jaħtaf mazzarell mill-ajru u joqgħod jieklu waqt li jtir!



Klabb Ħuttaf · Dinja Waħda · BirdLife MALTA

## In this issue...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Servizz ta' grooming b'xejn! | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Aħbarijiet sbieħ mid-dinja | 5 |
| Special protection areas | 6 |
| Nothing to see! | 7 |
| It's a trap! | 7 |
| Kokka tax-Xagħri | 8–9 |
| Threatened elasmobranchs | 10 |
| Colour me ... | 11 |
| Art Gallery | 11 |
| Spedizzjoni lejn Sqallija | 12–13 |
| Student Passport | 13 |
| Ix-xita! | 14 |
| il-vespertin | 15 |
| Estint | 16 |


## People who wrote . . .

**Desirée Falzon, Victor Falzon, Antonia Micallef, Nicholas Barbara, Érica Moura**

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Contacts...

tel **21347645**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, Ottubru 2025
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052



# Suċċess fis-Salina

Raymond Galea

Das-sajf fir-riserva naturali tas-Salina, par **monakell** *(little ringed plover)* bejtu u biedu erba' bajdiet. Minnhom faqqsu erba' flieles ħelwin qishom blalen tas-suf bis-saqajn.

Il-ġenituri tagħhom indukrawhom u għamlu ġimgħat jiġru magħhom biex ibiegħduhom mill-perikli u biex filgħaxija jdaħħluhom jorqdu taħt ġwinħajhom. L-erba' frieħ kibru u tgħallmu jtiru.

**Dan kien rekord ġdid fl-istorja tal-għasafar f'Malta. Għaliex?**

Il-monakella ilha 30 sena tbejjet b'suċċess fir-riserva naturali tal-Għadira, imma mkien iktar f'Malta. Din kienet l-ewwel darba li l-monakella nafu li bejtet b'suċċess f'post li mhux l-Għadira.




Aron Tanti




Din is-sena kienet sena oħra ta' suċċess għall-fkieren tal-baħar. Kellna b'kollox sitt bejtiet, tnejn Malta u erbgħa Għawdex. It-total ta' bajd li faqqas kien **319**. Għalkemm inqas mill-406 li faqqsu s-sena l-oħra, dan xorta numru spettakolari. Meta tqis kemm hi żgħira Malta u kif inhi ffullata bin-nies, bid-dwal, bl-istorbju u bl-iżvilupp, anke li tfaqqas fkejruna waħda għandna nqisuh miraklu!




## Premju!

Il-BirdLife għadna kemm irbaħna **Environment Stewardship Award.** Dan il-premju, mogħti mill-ERA, ħadnieh għax-xogħol li għamilna fir-riserva naturali tas-Salina. Kien hemm roqgħa art mitluqa mimlija skart u terrapien. Wara ħafna studju, u b'ħafna galbu, bdilna l-post f'ġenna tal-art żgħira b'għadajjar, kanali u ruxxmata arbuxelli ġodda. L-għasafar indunaw bil-bidla u bdew iżuru regolari, u l-bufula tal-qasab bejtet fil-pront. Mhux ta' b'xejn imbissmin Mark Gauci, Mark Sultana u Manuel Mallia fir-ritratt!




# Servizz ta' grooming b'xejn!

## Jinqdew b'ħaddieħor

Kull fejn hemm il-ħajja, se ssib annimali li jinqdew b'annimali oħrajn. Dawn ngħidulhom **parassiti**. Fost parassiti li jinqdew b'annimali kbar insibu qurdien (ticks), briegħed (fleas), xi dubbien, eċċ. Dawn il-parassiti jixorbu d-demm tal-annimal li jgħixu fuqu u b'hekk jieħdu n-nutrijenti kollha li għandhom bżonn... bla ma jagħtu xejn lura, ħlief xi marda!

## Anke l-pets...

Minħabba li huma żgħar, il-parassiti kapaċi jinħbew qalb is-suf tal-annimali, tant li l-annimal bilkemm jinduna bihom. Anke l-klieb u l-qtates li nrabbu fid-dar tagħna jduru għalihom parassiti bħal briegħed. Dawn sintendi nieħdu ħsiebhom bi sprejs u mediċina biex inneħħulhom il-parassiti. Inkella jistgħu jimirdulna.

## Bla swaba'!

Ħafna annimali li jgħixu fis-[1]savanna tal-Afrika – bħall-bufli, ippopotami, rinoċeronti, antilopi, żebri u ġiraffi – ikollhom parassiti fuq ġisimhom. Dawn il-bhejjem ma tantx ikunu jistgħu jeħilsu mill-parassiti għax m'għandhomx swaba' bħal tagħna biex jaqbduhom u jneħħuhom.

U sintendi lanqas m'għandhom sidien li jieħdu ħsieb ineħħulhom il-parassiti.

Imma għandhom ħabib ieħor li jagħtihom das-servizz: l-**oxpecker**, għasfur daqs sturnell!

## Kaċċatur eċċellenti

L-oxpecker huwa għasfur [2]endemiku għall-Afrika (minn taħt is-Saħara 'l isfel). Hemm żewġ speċi: ir-**red-billed oxpecker** u l-**yellow-billed oxpecker**.

L-oxpeckers huma kaċċaturi eċċellenti tal-parassiti. L-ikel favorit tagħhom huwa proprju l-qurdien, u għalhekk issibhom kull fejn ikun hemm annimali li jkollhom il-qurdien.

## Anke f'widnejhom

Ħafna drabi meta tara ritratti ta' bufli, baqar jew bhejjem oħrajn kbar fl-Afrika, tarahom bl-oxpeckers fuq daharhom, għonqhom, rashom, eċċ. Xi drabi jidħlulhom anke jfittxu ġo widnejhom ħalli jsibu l-parassiti li jinħbew fit-tidwir tal-ġilda.

U b'hekk kulħadd jieħu xi ħaġa: l-oxpecker għandu sors ta' ikel faċli, u l-bhejjem il-kbar għandhom servizz ta' "grooming" effiċjenti u b'xejn. Kull qalb trid oħra!

[1]**savanna**. Wesgħat kbar miksijin bil-ħaxix, b'xi siġar 'l hawn u 'l hemm.
[2]**endemiku**. Jinsab hemm u mkien iktar

Bil-Malti m'għandkomx isem għalina l-oxpeckers, imma bis-Swaħili jgħidulna **askari wa kifaru**, li tfisser "l-għassies tar-rinoċeronti". Min jaf għaliex tgħid!








# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru **408 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha: dawn huma numri **211** sa **220**.

211 
Isem Malti: Daqquqa tat-Toppu
Isem Ingliż: Common Hoopoe
Isem xjentifiku: *Upupa epops*

212 
Isem Malti: Qerd in-Naħal Aħdar
Isem Ingliż: Blue-cheeked Bee-eater
Isem xjentifiku: *Merops persicus*

213 
Isem Malti: Qerd in-Naħal
Isem Ingliż: European Bee-eater
Isem xjentifiku: *Merops apiaster*

214 
Isem Malti: Farruġ
Isem Ingliż: European Roller
Isem xjentifiku: *Coracias garrulus*

215 
Isem Malti: Għasfur ta' San Martin
Isem Ingliż: Common Kingfisher
Isem xjentifiku: *Alcedo atthis*

216 
Isem Malti: Bulebbiet
Isem Ingliż: Eurasian Wryneck
Isem xjentifiku: *Jynx torquilla*

217 
Isem Malti: Spanjulett Sekond
Isem Ingliż: Lesser Kestrel
Isem xjentifiku: *Falco naumanni*

218 
Isem Malti: Spanjulett
Isem Ingliż: Common Kestrel
Isem xjentifiku: *Falco tinnunculus*

219 
Isem Malti: Spanjulett Amerikan
Isem Ingliż: American Kestrel
Isem xjentifiku: *Falco sparverius*

220 
Isem Malti: Żumbrell
Isem Ingliż: Red-footed Falcon
Isem xjentifiku: *Falco vespertinus*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

# Aħbarijiet sbieħ mid-dinja?



## Nifs għad-dinja



Għall-ewwel darba fl-istorja, il-produzzjoni **dinjija** ta' enerġija minn sorsi rinovabbli (riħ, xemx, xmajjar, eċċ.) qabżet il-produzzjoni ta' enerġija minn faħam u żejt. Minkejja l-manija tal-president Amerikan biex ikomplu jifgħuna bil-ħruq tal-faħam, il-pass lejn enerġija nadifa baqa' għaddej.



## Nifs għall-Ġganti



Erbgħin sena ilu ħafna pajjiżi waqfu jistadu għall-balieni, imma l-**Iżlanda** baqgħet taqbadhom. Però ħafna nies m'għadhomx jieklu laħam tal-balieni, għalhekk is-sajjieda mhux isibu lil min ibigħuh. Fil-fatt is-sena l-oħra l-Iżlanda waqfu jistadu għall-fin whales. Dis-sena ħa jagħmlu l-istess. J'Alla s-suq għall-balieni jisfaxxa għal kollox.



## Nifs għall-għasafar



Wara snin ta' sforzi minn għaqdiet ambjentali, il-Gvern tar-**Renju Unit** qabel li jinqata' l-użu ta' ċomb fl-iskrataċ tal-kaċċa fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales. Iċ-ċomb huwa metall velenuż, u huwa stmat li fir-Renju Unit 100,000 tajra tal-ilma kull sena tmut ivvelenata biċ-ċomb li jaqa' fl-ilma tax-xmajjar u l-għadajjar. Tgħid Malta tasal xi darba?

# Special Protection Areas

ERA
Environment & Resources Authority

Have you ever heard of Special Protection Areas?

Special Protection Areas are areas designated under the European Union Birds Directive in order to protect vulnerable bird species as well as migratory birds. This means that activities that could harm the birds or their habitats may be restricted or controlled to make sure the birds and their habitats remain safe.

The four sites below are examples of areas within Malta and Gozo which have been given this designation by the Environment and Resources Authority (ERA).

## Irdumijiet ta' Malta: Ix-Xaqqa sa Wied Moqbol

This protected coastal area is a significant SPA due to its steep cliffs and boulder screes, which provide important nesting sites for seabirds.





## Is-Simar

Located in Xemxija, Simar is known for being a wetland habitat that serves as a safe home to both local birds and those that stop to rest during their long migrations.

After a period of neglect, a restoration project in 1992 transformed the area into a thriving habitat with new trees, restored pools and canals, ensuring its continued importance for birdlife.



## L-Inħawi tal-Għadira

Located in Mellieħa, this area supports a wide variety of habitats, such as; a saltmarsh, a brackish wetland, sand dunes, garrigue, steppe, a small valley, and agricultural land.

The wetland area is a crucial breeding ground for a number of bird species and serves as a crucial stopover for migratory birds.



## Filfla u l-Gzejjer ta' Madwarha

This set of offshore rocky islands are found off the southwestern coast of Malta.

Because of their isolation, Filfla is an ideal breeding site for several seabird species, including the European Storm-Petrel and Yelkouan Shearwater.





# Nothing to see!

## Just a pile of pebbles...

**Ah but look closely . . .**
**Are you sure those are all pebbles?**
**Well . . . did you see it?**
**It's right there, and it's not a pebble.**
**It's a master of camouflage.**
**Yup, it's a cute little cuttlefish (siċċa) sitting quietly on the white pebble, and looking just like a pebble herself.**



Photo taken in very shallow water by Mark-Anthony Falzon at Daħlet il-Fekruna

## It's a trap!







So many things we buy nowadays come packed in plastic straps, like the ones in the pictures (these were wrapped around a stack of paper bags). When we throw them away, they sometimes end up by mistake in the countryside, or in the sea. Curious animals pick them up and get their head, their neck or their body tangled in the loops. When this happens the animals almost always die. So **make it a habit**: **before throwing plastic loops in the recycling bin, take a pair of scissors and cut them up first.** That way they won't become a trap for wildlife.

# Kokka tax-Xagħri

Short-eared Owl *Asio flammeus*



Ritratt ta' Nicholas Galea meħud fuq Kemmuna

BirdLife MALTA

# THREATENED
## ELASMOBRANCHS IN MALTA

MALTA NATIONAL AQUARIUM




### Bull Ray - *Aetomylaeus bovinus*

A breathtaking visitor to our waters, with electric-blue stripes as unique as your own fingerprints! But here in the Maltese Islands, these ocean treasures have had almost no protection. Overfishing, habitat loss, and human disturbance are pushing them towards extinction.




### Shortfin Mako - *Isurus oxyrinchus*

One of the fastest sharks in the sea, it lives in the Mediterranean and many other oceans. But scientists say its numbers have fallen by more than 80% in the last 75 years mainly because of fishing! Makos are often caught by accident in nets and long lines meant for other fish, and some are hunted for their meat and fins. Because they grow slowly and have very few babies, their population struggles to recover.




### Blue Shark - *Prionace glauca*

A sleek, open-sea shark found across the Mediterranean and many other oceans. It swims from the surface to about 1000 meters, often migrating long distances between warmer and cooler waters. It feed on fish, squid, and occasionally birds. In the Mediterranean, numbers are decreasing due to overfishing and bycatch in longline and drift fisheries. Despite having many pups, the fishing rate is so high that populations cannot recover.




### Maltese Skate - *Leucoraja melitensis*

A rare skate found in the Mediterranean, including Maltese waters. It has a flat, diamond-shaped body and swims using its pectoral fins in a wavy motion, often resting on sandy or muddy sea floors. Its habitat overlaps with bottom trawlers and net fisheries, which damage the seabed and catch the skate accidentally (bycatch), making this its major threat. As a result, its numbers have declined sharply, and its range has become much smaller.

The Mediterranean is full of extraordinary creatures, from speedy sharks to mysterious rays and clever reef fish. Sadly, many of them are facing serious threats, mostly because of human actions like overfishing, pollution, and habitat loss. But the good news is that every small change we make can help them!

**We are one of their biggest threats... but we can also be their greatest hope.**

**GIVE THEM SPACE AND RESPECT THEIR HOMES;**

**SUPPORT STRONGER FISHING REGULATIONS AND CHOOSE SUSTAINABLY CAUGHT SEAFOOD;**

**BE THEIR VOICE, SPEAK UP FOR THEIR PROTECTION.**

At the Malta National Aquarium, you can learn more about how to protect them. By learning, caring, safeguarding them, and taking action together, we also protect the balance and health of our oceans for generations to come.

*all conservation status apply for the Mediterranean sea

**WWW.AQUARIUM.COM.MT**





# Colour me...

## Little Ringed Plover





Victor Falzon

Are you a wildlife artist?
Send us your nature drawings!

victor.falzon@birdlifemalta.org




Art Gallery

**Gallozz Iswed**
Mila Voronova 9



**Would you like to help BirdLife Malta protect birds and nature?**

You can use this QR code to make an online donation. Thanks!

**Still not a member of Klabb Ħuttaf?!**

- Would you like to join the club?
- Would you like to renew?
- Would you like your family to join?

You can use this QR code to do all this. Thanks.



# Spedizzjoni lejn Sqallija

"Fit-23 Lulju 2025 grupp nies minn BirdLife Malta tlajna Sqallija. Ma tlajniex għal vaganza, imma tlajna għax kellna magħna tliet "passiġġieri" importanti.

Dawn kienu żewġ **kuċċardiet** (*European honey-buzzard*) u **żumbrell** (*red-footed falcon*), u kienu fi triqthom lejn il-ħelsien.

Dawn it-tliet għasafar kienu sparaw fuqhom kaċċaturi s-sena l-oħra u kienu waqgħu feruti fl-art, waħda minnhom fil-ġonna tas-Seminarju fir-Rabat. Hemmhekk sabuhom nies twajba, li malajr ċemplu lill-BirdLife u morna niġbruhom ħalli nikkurawhom u forsi nfejqahom.

Wara ħafna xhur ta' kura, it-tliet għasafar fiequ mill-ġrieħi u reġgħu ħadu saħħithom. Wasal iż-żmien li jerġgħu jintelqu fis-selvaġġ. Imma bżajna li jekk nitilquhom Malta jerġgħu jisparawlhom il-kaċċaturi.

Għalhekk ġibna permess mill-ERA biex insifruhom lejn Sqallija, u permess mill-ISPRA (fl-Italja) biex nitilquhom fil-Parco dell'Etna, park naturali madwar il-vulkan famuż.

Bl-għajnuna tal-LIPU (il-BirdLife fl-Italja) u tan-nies li jieħdu ħsieb il-park, tlaqna dawn it-tliet tajriet fil-park u awgurajnielhom ħajja twila."






















Grazzi lil **Antonia Micallef** u **Nik Barbara** tat-tagħrif u r-ritratti, lil **Nick Galea** tal-computer images, u lil **Francesco DalColle** u t-tim tiegħu li ħadu ħsieb il-kura u l-fejqan ta' dawn l-għasafar.





Qabel intelqu, iż-żewġ kuċċardiet itteġġajnieħom b'apparat GPS ħalli nkunu nistgħu nsegwu x'ikunu qed jagħmlu u fejn imorru. Dawn l-immaġni juru proprju x'naraw fuq il-kompjuter.



Dan ir-ritratt mis-satellita juri r-rotta (il-linja s-safra) li ħadet waħda mill-kuċċard li kellha l-apparat GPS. Dawk il-ħafna "nokkli" juru fejn il-kuċċarda bdiet tissaqqar (soaring) biex mill-baxx titla' fl-għoli.




Dawn ukoll ritratti mis-satellita imma l-kompjuter dawwarhom biex jidhru 3D. Minħabba li 3D, nistgħu naraw kemm kienet għolja mill-art il-kuċċarda waqt li qiegħda ttir.

Cool hux?!








# Ix-Xita!

Għeżież tfal 🙂

Kif intom? Nispera li tajbin! Bdiet tqattar ix-xita! X'gost 😊 Jien it-temp Xitwi vera jogħġobni għax nieħu gost noqgħod nitgeddes ma' sħabi.

Imma tafu minn fejn tiġi x-xita? Jien dejjem affaxinatni. Għax qisha tiġi minn imkien. Bħall-maġija hux. Filli bnazzi u filli jibda jinġabar is-sħab u tibda tqattar. Vera nieħu gost inħossha fuq ir-rix u ċert li intom ukoll (ovvjament naf li ma għandkomx rix, imma fuq il-ġilda tagħkom 😊).

Wara Sajf kiefer ix-xita terġa' tagħti l-ħajja lin-natura ta' madwarna. Nieħu gost noqgħod nara l-ħaxix li jibdel kuluru minn kannella għal dak l-aħdar sabiħ. U r-riħa ta' wara x-xita vera togħġobni. Qisha x-xita tibdel dak kollu li tmiss. Tagħmlu aħjar, isbaħ u tagħti l-ħajja.

Sfortunatament minħabba t-tibdil fit-temperaturi u t-tniġġis ix-xita f'Malta qiegħda ssir aktar rari jew meta tagħmel, tagħmel ħafna f'daqqa. Ir-riskju huwa doppju. Jew li Malta bil-mod il-mod tibda tinbidel f'deżert jew inkella billi tagħmel ħafna xita f'daqqa din tikkawża aktar ħsara milli ġid.

Għalhekk jekk irridu nkomplu ngawdu x-xita, irridu nieħdu ħsieb aktar l-ambjent ta' madwarna. Ftakru li n-natura, bħax-xita hija ċiklu u kollox jaffettwa kollox.



**Petitu**

(l-għasfur tal-bejt)

**BOV**
Bank of Valletta

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).





F A T T I F A W N A



Matthew Borg Cardona




# il-Vespertin

**Il-vespertin huwa wieħed mill-friefet il-lejl ta' pajjiżna. Bl-Ingliż jismu Maghrebian bat u l-isem xjentifiku tiegħu huwa *Myotis punicus*.**

**Il-friefet il-lejl huma l-uniċi mammiferi fid-dinja li jtiru fil-veru sens tal-kelma. Annimali bħal *sugar gliders* u *flying squirrels* ma jtirux imma jigglajdjaw.**

**F'Malta għad m'hawnx qbil fuq kemm għandna speċi ta' friefet il-lejl: hawn min jgħid seba' speċi, hawn min jgħid 11 u hawn min jgħid anke 15-il speċi. Sa ftit snin ilu, anke l-vespertin stess kienu jaħsbuh speċi oħra. Hemm bżonn ta' iktar studju.**

**Bħal friefet il-lejl oħrajn, il-vespertin jorqod binhar u joħroġ ma' nżul ix-xemx ifittex l-ikel.**

**Il-friefet il-lejl ta' Malta huma kollha insettivori, jiġifieri jieklu biss insetti. L-ikel tal-vespertin jikkonsisti f'nemus, baħrijiet u insetti oħrajn li jtiru bil-lejl. Dawn jaqbadhom bit-tattika tal-*echolocation*, li bih juża iktar widnejh milli għajnejh. Il-vespertin mhuwiex ta' periklu għall-bniedem.**

**Il-vespertin għandu *wingspan* ta' xi 35ċm. Huwa wieħed mill-ikbar friefet il-lejl ta' pajjiżna.**

**Il-vespertin jorqod f'għerien, xeltrijiet, kantini, katakombi u bini qadim, basta jkunu mudlama u bla tfixkil. Postijiet bħal dawn għandhom jingħataw protezzjoni sħiħa, għax mingħajrhom il-vespertin jista' jgħib għal kollox minn Malta.**

**Il-vespertini jkollhom ferħ wieħed biss fis-sena. Minħabba f'hekk il-popolazzjoni tagħhom iddum biex tirkupra jekk b'xi vandaliżmu jew żvilupp tintilef parti minnha.**

**Il-vespertin imħares bil-liġi. Ħadd ma jista' jfixklu, jaqbdu jew joqtlu.**

Dan wieħed mis-siti fejn jistkenn il-vespertin. Minkejja li protett, dan l-għar imiss ma' barriera! Id-dwal, l-istorbju u t-trabijiet huma theddid għall-għar u l-friefet il-lejl li jistkennu fih.



**L-Għar tal-Iburdan**

Desirée Falzon

# Estint

Il-gurlin geddumu rqiq *(slender-billed curlew)* għadu kemm ġie ddikjarat estint, jiġifieri nqered għal kollox mid-dinja. Dari kien komuni, u anke f'Malta kien jidher regolarment. Imma mbagħad beda skarsa, sar rarissmu u minn xi 50 sena 'l hawn ma deher imkien iktar[1]. Għalhekk ix-xjenzati issa qablu li din l-ispeċi nqerdet mid-dinja.

Meta nitkellmu fuq għasafar estinti naħsbu fid-dodo. Imma barra d-dodo hemm mijiet ta' speċi oħrajn ta' għasafar li wkoll għebu mid-dinja – ħafna minnhom minħabba fina l-bnedmin. U bit-telfa tal-gurlin geddumu rqiq, id-dinja issa saret ftit iktar fqira.

[1] L-aħħar li deher Malta l-gurlin geddumu rqiq kien fl-1977



NUMENIUS TENUIROSTRIS
XIX